KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 419 (8-44)

It-Tnejn 14 ta' Marzu 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

Is-Seduta bdiet fis-6.30am minħabba nuqqas ta' kworum.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Kurstein Nicholas Sant (daħal fis-6.30pm)
Il-Kunsillier Adrian Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier Francine Farrugia

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**419.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit, Julian Borg u Francine Farrugia.

**419.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 418. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni.
Il-Viċi Sindku ssekondat.
Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**419.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

Ma tqajmu l-ebda punti mill-Minuti.

**419.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**419.3.1** Laqgħa mal-Enemalta
Is-Sindku qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellu laqgħa mac-CEO tal-Enemalta fejn ġiet spjegata l-formazzjoni ġdida tal-korporazzjoni u kif għandha ssir il-komunikazzjoni rigward diversi talbiet għal iktar effiċjenza. Is-Sindku qal li rreferew għal diversi issues pendenti fosthom it-talbiet għal installazjoni ta' lampi ġodda, speċjalment fiż-żona rurali u kjarifiċi fuq il-proċess. Ic-CEO spjega li għal installazjoni fiż-żona rurali jinħtieġ permess mill-ERA, speċjalment f'żona ODZ, u kull każ jiġi trattat individwalment. Huwa qal li ma tistax tiġġeneralizża għal fatt li hemm żoni diġa għaddejja konnessjoni tad-dawl u oħrajn li l-linja tkun 'il bogħod. Huwa talab biex jintbagħtu talbiet pendenti ħalli jkollna update tas-sitwazzjoni. Ic-CEO infurmana wkoll li bħalissa qed isiru diveri xogħolijiet biex tissaħħaħ il-provvista tal-elettriku fis-Siġġiewi, fosthom fi Triq San Nikola, Triq il-Parroċċa, ħdejn l-iskola u fil-bypass.

**419.3.2** Petizzjoni Triq Ħal Xluq
Is-Sindku rrefera għall-petizzjoni tas-sidien tal-garaxxijiet u residenti ta' Triq Ħal Xluq. Huwa qal li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u membru fi ħdan is-sotto kumitat tat-traffiku iltaqgħu fuq il-post mal-Kap tal-Iskola u anka ic-CEO tal-LESA u membri ta-LESA fejn ġiet diskussa l-problema u tressqu diversi proposti, kemm biex tiġi salvagwardjata s-sigurta' tat-tfal tal-iskola u anka biex kemm jista' jkun jitnaqqas l-inkonvenjent lis-sidien tal-garaxxijiet u residenti. Ġie propost ukoll li tinbidel il-flow tat-traffiku fi Triq Ħal Xluq, bil-vetturi jinżlu għal Triq it-Tabib Nikola Zammit flok kif qegħda preżentement. Huwa qal li l-proposta ġiet imressqa lil Malta Road Safety Council fejn jidher li intlaqgħet tajjeb. Huwa qal li sussegwentement, il-proposta għandha tersaq għand Transport Malta għal konsulenza fi ħdan il-pjan tat-traffiku u l-approvazzjoni skond il-każ.

**419.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**419.4.1** Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**419.5** **Aġġornament dwar il-Proġett ta' Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier – *timeframes* tax-xogħolijiet**

Is-Sindku qal li nhar is-6 ta' Marzu 2022, ġie imħabbar il-Proġett 'Siġġiewi Family Park', proġett ta' spazju miftuħ ġdid fis-Siġġiewi, fi Triq Salvu Borg Olivier, li ser jiswa madwar €560,000 fuq medda ta' 400 metru art li ser isir bejn INDIS Malta u l-Kunsill Lokali Is-Siġġiewi. Is-Sindku qal li dan l-investiment li se jgawdu minnu l-familji u r-residenti Siġġiwin. Hu kompla jgħid li l-proġett sa jkun ffinanzjat fl-intjier tiegħu u hu mistenni jibda għal nofs is-sena wara li jiġi finalizzat il-proċess ta' procurement.

**419.6** **Xogħolijiet minn Infrastructure Malta fuq numru ta' toroq fis-Siġġiewi – aġġornament**

**419.6.1** Is-Sindku qal li ix-xogħolijiet fi Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa miexi kif pjanat. Huwa qal li is-srvizzi fi Triq San Nikola inbidlu u din il-ġimgħa qed jibdilu dawk fi Triq il-Parroċċa. Huwa qal li x-xogħol previst ikun lest għal ġimgħa Mqaddsa biex il-Mixgħela tkun tista ssir kif pjanata. Huwa qal li qed isir koordinament għal l-inqas inkonvenjent kemm fejn jirrigwarda traffiku u anka trasport pubbliku.

**419.6.2** Is-Sindku qal li kien infurmat li twaħħlu tabelli li ser isir xi xogħol f'Wied Baqqiegħa. Huwa talab informazzjoni dwar x'tip ta' xogħol ser isir, speċjalment fid-dawl li jiġi priżervat il-wied. Għalhekk, talab kjarifika u rendikont tax-xogħolijiet li ser isiru. Is-Sindku qal li irċieva konferma mic-CEO li ser isir manutenzjoni fuq retaining walls ta' t-triq u resurfacing ta'l-imsemija triq imma mhux sa tintmess is-sodda tal-wied. Huwa qal li ser ikun qed isegwi l-andament tax-xogħol.

**419.6.3** Rigward ix-xogħol infrastrutturali fil-pont ta' Għar Lapsi, is-Sindku qal li l-ERA talbu pjan kompensatorju għal tħawwil ta' numru ta' siġar biex jinħareġ il-permess biex jinqalgħu xi siġar u b'hekk ikun jista' jsir l-evalwazzjoni tal-ħsara. Is-Sindku qal li b'kollaborazzjoni ma' Infrastructure Malta tħawwlu ammont konsiderevoli ta' siġar u arbuxelli biex jikkompensaw u jinħareġ il-go ahead biex jibdew it-testijiet neċessarji.

**419.7** **Ingaġġ ta' Community Works Manager mal-Kunsill Lokali – interviews**

Is-Sindku informa li dalgħodu saru l-interviews liż-żewġ applikanti wara sejħa miftuħa. Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapport tal-Bord tal-Evalwazzjoni. Is-Sindku qal li wara li ġew mistoqsija diversi mistoqsijiet mill-membri tal-bord, il-bord ta' evalwazzjoni jirrakkomanda li l-post vakat jimtela mis-Sur D.Peplow. Huwa propona l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord.

**419.8** **Installazjoni ta' 2 bring in sites ġodda fis-Siġġiewi**

Is-Sindku qal li kif inhu rikjest fl-Avviż legali L.N.146 tal-2021, ġew identifikati żewġ siti oħra biex jiżdiedu punti ta' riċiklaġġ, fosthom fi Triq Patri Ġuże Delia biex tkun milħuqa l-area Ta' Fonzu u Triq Wied Hesri biex tkun milħuqa l-area tal-Hesri. Huwa qal li diġa ġew installati CCTVs addizjonali ħdejn il-bing in site eżistenti fi Triq Salvu Borg Olivier, li qed ikunu mgħassa mill-Aġenzija LESA u jinħarġu numru ta kontravenzjonijiet lil min jinqabad jabbuża, u qegħdin fil-proċess biex jiġu installati cameras fiż-żewġ siti l-ġodda biex eventwalment jitpoġġew l-iskips. Is-Sindku qal li malli jitpoġġew il-kontenituri għandha ssir kampanja edukattiva ta' kif għandhom jintużaw u kif għandu jiġi riċiklat l-iskart.

**419.9** **Tismija ta' Triq Ta' Bellu u Sqaq Ta' Bellu**

Is-Sindku propona li toroq fil-kampanja fejn hemm ir-residenti jingħataw isem uffiċjali. Kif propost fis-seduta preċedenti, il-Kunsill qabel li kemm Triq Ta' Bellu u anka Triq tad-Dikkiena jissemmew uffiċjalment. Rigward l-isqaq fi Triq Ta' Bellu, Il-Kumitat tismija tat-Toroq ikkonferma li jekk huwa sqaq pubbliku għandu jingħata isem ta' Sqaq ta' Bellu.

**419.10** **Ftehim bejn il-Każin Banda San Nikola u l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

Is-Sindku preżenta abbozz tal-ftehim preparat mill-Każin Banda San Nikola. Hu qal li dan id-draft intbagħat lill-avukat tal-Kunsill għal parir legali, u ġie diskuss f'laqgħa li s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom mal-avukat fejn ġie diskuss kull punt fid-draft agreement b'diversi osservazzjonijiet legali li għandhom jiġ indirizzati. L-avukat bagħat il-ftehim bir-rimarki tiegħu, li qed jiġi preżentat quddiem il-Kunsill

Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li filwaqt li qabel li m'għandux jinħoloq l-ebda preċedent bejn l-għaqdiet fil-lokalita', qabel li għaqda li ħarġet b'inizjattiva favur il-lokalita' għandha tiġi appoġġata. Madanakollu, il-Kunsill għandu jkollu l-aħħar 'say', għalhiex huwa Gvern Lokali, kemm bħala fatt estetiku u anka fejn tidħol is-sigurta'. Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li għaqdiet li jieħdu inizjattivi għandhom jiġu inkoraġġati u li hu jaqbel li jsiru ż-żewġ proposti preżentati kemm żona A u anka żona B. Is-Sindku qal li mhux konvint li fl-entratura tas-Siġġiewi jkun hemm aċċess 'limitat' għal għaqda partikolari.

Il-Kunsill iddiskuta il-ftehim bil-punti kif irrimarkati mill-avukat. Kien hemm qbil li l-ftehim jiġi diskuss u emendat mal-Każin Banda San Nikola u kopja tal-ftehim emendat terġa tersaq quddiem il-Kunsill.

**419.11** **Xogħol ta' restawr tal-istatwi fit-triq tas-Salib tal-Għolja**

Is-Sindku qal li r-restawr fuq it-tieni żewġ statwi kważi lest ukoll. Huwa qal li l-istatwa fin-niċċa tar-redentur kellha ħafna ħsara iktar milli kien jidher. Hu qal li l-artist qed jipropona li jsir tip ta' dawl sostenibbli fuq ġewwa u tinxtegħel is-sena kollha. Huwa qal li din l-istatwa tat-preġju lill-post u żgur li tkun ta' attrazzjoni tul is-sena u mhux fil-mixgħela biss. Is-Sindku qal li l-pjan huwa li l-inawgurazzjoni ssir nhar il-Ħadd 10 t' April 2022, bħala parti mill-programm ta' Jum is-Siġġiewi.

**419.12** **Attivita' Mixgħela tas-Salib tal-Għolja 2022**

Is-Sindku qal li ltaqa' mal-għaqdiet li jagħtu sehemhom fl-attivita', il-Każin Banda San Nikola, il-Grupp tal-Armar u l-Għaqda Brass Band. Ilkoll qablu li din is-sena l-attivita' terġa ssir fl-intier tagħha, wara sentejn waqfien minħabba l-pandemija. Huwa qal li l-Għaqda tal-Armar qed tiproponi bidla u tkabbir fid-disinn tal-fjakkolata fil-Pjazza, u qed tiproponi li jintrama palk ħdejn San Nikola biex il-viżitaturi jkunu jistgħu jammiraw l-ispettaklu tal-fjakkolata. Is-Sindku qal li l-Każin Banda San Nikola qed jitolbu total ta' €4000 għall-fjakkolata u organizzazzjoni mat-telgħa tas-Salib tal-Għolja bħas-snin ta' qabel, filwaqt li l-Għaqda tal-Armar qed jitolbu €4000 għall-armar tal-fjakkoli. Il-Kunsillier Kurstein Sant qal li s-sena l-oħra ġiet approvata s-somma ta' €2500 għall-għaqda tal-Armar f'Seduta 390, iżda ma ingħatawx peress li l-attivita' ma saritx, u allura propona li jingħataw dan l-ammont. Is-Sindku rrimarka li fis-snin preċedenti dawn kienu jieħdu total ta' €600 għall-fjakkolata. Il-Kunsill qabel ma' dawn l-ammonti. Is-Sindku qal li l-Għaqda Brass Band għadha ma bagħtitx stima u propona li naraw jekk hemmx xi proposti għal parteċipazzjoni minn għaqdiet oħra.

**419.13** **Rappreżentanza tal-Kunsill fil-Majjistral Action Group Foundation**

Is-Sindku informa li l-Kunsillier Adrian Farrugia infurmah li minħabba diversi impenji ma jkunx jista' jattendi l-laqgħat tal-Gal u talab li jkun sostitwit minn rappreżentant ieħor. Is-Sindku qal li l-attendenza fil-Kumitat hija fundamentali għax hemm potenzjal ta' fondi maġġorment fi proġetti ta' restawr. Huwa qal li min jidħol għal dan l-impenn irid ikun lest għal committment mhux biss għal laqgħat, iżda biex jaġġorna l-amministrazzjoni bil-proġetti li jkun hemm in vigore u jassisti fl-applikazzjoni. Huwa qal li fil-lokalita' haw potenzjal kbir u l-Kunsill diġa tilef diversi opportunitajiet u fondi. Il-Kunsillier Kurstein Sant wera x-xewqa li jirrappreżenta lill-Kunsill. Huwa qal li f'każ li ma jkunx jista' jattendi jinforma minn qabel ħalli jmur sostitut. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-Kunsillier Kurstein Sant bħala rappreżentant fil-GAL Majjistral. Il-Kunsill unanimament approva.

**419.14** **Tenders**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntratt attwali għal ġbir ta' skart goff, kien ser jiskadi fil-31 ta' Mejju 2022 u l-kuntratt tal-knis fit-12 t'Awissu 2022. Hija infurmat lill-Kunsill li ser jibda' l-proċess ta' procurement biex jinħarġu iż-żewġ tenders. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva.

**419.15** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.
Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi rimarki dwar xi applikazzjoni. Ma kien hemm ebda rimarka.

**419.16** **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**419.17** **Rapport tal-ilmenti**

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**419.18** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova l-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**419.19** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

Il-Kunsillier Kurstein Sant irrimarka li kull nhar ta' Erbgħa Triq Tan-Nofs qegħda tinqabeż mill-kollettur tal-iskart. Huwa talab li tinġibed l-attenzjoni tal-Kuntrattur dwar dan.

**419.20** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 11t'April 2022 fis-6.00 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 11t'April 2022

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv